IR-RABAT

KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ
IT-TIENI LEĠIŻLATURA
MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 16

* Il-Kumitat iltaqa` nhar
L-Erbgħa 21 ta' Ottubru 2015 fis-5:45 p.m.
fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat — Data u ħin

** Preżenti għal-Laqgħa: — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B14**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B14 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B14

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B 14**

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat iċ-ċirkolari li ser tintbgħat lir-residenti ta' tal-Virtù dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart domestiku u riċiklabbli kif ukoll dwar is-servizz tal-*Bulky Refuse*. Il-Kumitat qabel li ssir emenda fiċ-ċirkolari. — Bring-In-Sites fi Triq Godwin Ganado

2.02 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-membri li peress li r-ritratti ma ntbgħatux, kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti, ma kienx possibbli li jinħarġu *d-default notices*. — Ilment dwar il-knis manwali

2.03 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv, infurmat lil-laqgħa li għalkemm ir-ritratti li kellhom jinbgħatu mill-membri, ukoll baqgħu ma ntbgħatux, hija nfurmat lill-kuntrattur sabiex ix-xogħol isir mill-aktar fis possibbli. — Ħaxix fuq il-bankini

KUNSILL LOKALI IR-RABAT

8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| 2.04 | 3.03 Is-siġra ta' ħdejn ir-residenza 'Comfort', Triq Francesco Azzopardi ġiet miżbura u din il-problema issolviet. | Siġra fi Triq Francesco Azzopardi |
| ** | Is-Sur Christopher Farrugia daħal għal-laqgħa fis-6.10 p.m. | |

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B15**

| | | |
|---|---|---|
| | Il-minuti tas-seduta nru B15 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B15 |

**4.00 Komunikazzjoni mill-membri**

| | | |
|---|---|---|
| 4.01 | Is-Sur Sam Abela ppropona li jsir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku li ċċaraw ġewwa tal-Virtu', kollhu. Issekondat din il-proposta s-Sna Louise Agius. Il-Kumitat qabel unanimament. | Refresh tas-sinjali tat-traffiku, ġewwa tal-Virtu' |
| 4.02 | Is-Sur Sam Abela, ppropona li jinġabru kwotazzjonijiet għat-tibdil tat-tabelli tal-Merħba Tal-Virtu'. Dan minħabba li għadda wisq żmien u min-naħa tal-bank HSBC ma sar xejn. Issa dawn jinsabu fi stat ikraħ ħafna. Is-Sur Sam Abela ippropona li jekk l-ispiża ma tkunx kbira, dawn jinbidlu mill-Kumitat stess. Is-Sur Christopher Farrugia issekonda din il-proposta u l-Kumitat qabel unanimament. | Tabelli Merħba Tal-Virtu' |
| 4.03 | Is-Sna Renate Guillaumier, infurmat il-laqgħa li hija flimkien mas-Sna Louise Agius, kienu ltaqgħu mall-kuntrattur tas-*soft area* ta' Triq Francesco Azzopardi k/m Triq Carlo Fiamingo, fejn flimkien miegħu ġie diskuss x' tisbieħ jistà jsir. Hija ppreżentat l-i*sketch* preparata mill-kuntrattur, dwar it-tisbieħ ta' din is-*soft area*, flimkien mal-istima għall-dawn ix-xogħolijiet. Is-Sra Renate Guillaumier pproponiet li jsiru l-imsemmija xogħolijiet, is-Sna Louise Agius issekondat din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament u talab li jiġi nfurmat il-kuntrattur, sabiex dawn ix-xogħolijiet isiru sa l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru. | Diskussjoni dwar is-*Soft Areas* |
| 4.04 | Dwar it-talba ta' 'No Entry for Heavy Vehicles', fejn Villa Hugel, Triq tal-Virtu., is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li ma konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta. Ġie deċiż li tintbgħat 'reminder'. | *No Entry for heavy vehicles* ġewwa Triq Tal-Virtu' |
| 4.05 | Is-Sur Christopher Farrugia qal li tkellem mal-Għaqda L'Isle Adam u Żgħażagħ Rabtin Pawlini, dwar l-armar tas-Siġra tal-Milied. Huwa talab li tinġabar stima mingħand dawn iż-żewġ għaqdiet, li tinkludi d-dekorazzjonijiet u d-dawl, flimkien mall-konsum tal-elettriku. | Siġra tal-Milied |
| 4.06 | Is-Sna Louise Agius infurmat lil laqgħa li l-kollezzjoni tal-ġbir tal-ħġieġ ma sarx l-ewwel ġimgħa tax-xahar. | Kollezzjoni tal-ħġieġ |
| 4.07 | Is-Sna Louise Agius staqsiet meta kienet ppjanata li ssir it-Triq tal-Wied tal-isqof. Hija saħqet li kieku jittaffa ferm it-traffiku min Tal-Virtu'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li din it-triq hija ppjanata li ssir mill-Gvern Ċentrali, però l-kunsill għadu mhux infurmat meta ser jinbeda ix-xogħol fuqha. | Triq tal-Wied tal-Isqof |

4.08 Is-Sna Louise Agius, issuġġeriet li jinqatgħa l-ħaxix li hemm wara l-palazz tal-Virtu' u isir xi tisbieħ, peress li hemm dehra ta' telqa. Qtuħ ta' ħaxix wara l-Palazz

**5.00 Korrispondenza**

B'referenza għall-korrispondenza mibgħuta dwar il-*Bring-In-Sites* li hemm f'Tal-Virtù, il-Kumitat Amministrattiv iddeċieda li qabel tittieħed id-deċiżjoni dwar s'ser isir min dawn il-*Bring-In-Sites*, l-ewwel tintbgħat iċ-ċirkolari lir-residenti. *Bring-In-Sites* fi Triq Godwin Ganado

**6.00 Materji Oħra**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li l-kunsill kien ippropona li l-*Bring-In-Sites* ta' Pjazza Forok, jiġu rilokati fi Triq il-Merħliet. Il-Kumitat ma qabilx ma din il-proposta. Materji oħra

**7.00 Data tas-seduta li jmiss**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2015 fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7:20 ta' filghaxija.

Minuti approvati llum it-Tnejn 23 ta' Novembru 2015

Sam Abela
Ċerpersin

Orietta Masini Cardona
Segretarju Eżekuttiv